Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2016

**Joseph u Shirley Gauci**

**Vs**

**Platinum International (Malta) Limited (C31481)**

12 ta' Jannar, 2018.

1. L-atturi ppropLonew proceduri ta' arbitragg fejn ippremettew u talbu:

   *"[....] rifuzjoni tas-somma ta' Euro 1,150.00 mhallas mir-rikorrenti bhala depozitu tal-valur totali ta' Euro 2,150.00 relattivament ghal kuntratt ta' btala ghal perjodu fit-tul (long term holiday product) mibjugh lir-rikorrent, li dwaru r-rikorrenti ezercitaw id-dritt ta' irtirar skond l-Artikolu 8 tal-Avviz Legali 109 tal-2011 (Regolamenti tal-2001 dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur (Kuntratti ta' Timeshare, Kuntratti dwar Prodotti ta' Btala ghal Perjodu fit-Tul, Kuntratti ta' Bejgh mill-Gdid u Kuntratti ta' Skambju.*

   *Illi l-ftehim in kwistjoni kellu durata ta' iktar minn tnax-il xahar, u dana kif ser jirrizulta' waqt it-trattazzjoni tal-kaz. F'kull kaz, id-durata ta' l-istess ftehim kien gie mgedded oltre' l-hdax-il xahar msemmija fl-istess ftehim.*

   *Illi skond l-Avviz Legali msemmi, senjatament l-artikolu 9, fil-kaz ta' kuntratt ta' btala ghal perjodu fit-tul (kif fil-fatt kien il-kuntratt in kwistjoni), is-socjeta' intimata bhala t-trader ma setghax inter alia taccetta pagamenti bil-quddiem.*

   *Illi f'kul kaz, skond is-subartikolu (8) ta' l-istess Avviz Legali, ladarba r-rikorrenti ezercitaw id-dritt ta' irtirar, il-ftehim in kwistjoni gie fi tmiemu u r-rikorrenti kellhom jitpoggew fl-istess qaghda li kienu fiha qabel dak il-ftehim.*

   *Illi sallum, is-socjeta' intimata ghadha ma talbitx il-bqija tal-valur tal-prodott mibjugh minnha u tista titqies li rrinuncjat ghalih, li jfisser ukoll illi l-istess socjeta' intimata rrikonoxxiet illi ladarba r-rikorrenti ezercitaw id-dritt ta' irtirar skond l-Artikolu 8 imsemmi hawn fuq. Kif mahsub fis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 8 imsemmi hawn fuq, il-ftehim in kwistjoni gie fi tmiemu u r-rikorrenti kellhom jitpoggew fl-istess qaghda qabel dak il-ftehim.*

   *Illi s-socjeta' intimata interpellata biex tirrifondi s-somma premessa, baqghet inadempjenti.*

*Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali mill-20 ta' Lulju, 2012 sal-gurnata tal-pagament effettiv tas-somma kollha."*

2. Il-konvenuta wiegbet:

*"1. Fl-ewwel lok is-socjeta' intimata proprio ma hijiex il-legittima kontraddittura, peress illi hija dejjem agixxiet bhala agenta tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd u kellha tigi mharrka f'din il-vesti rappresentattiva. Ghal dir-raguni biss it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt kellu durata ta' hdax-il xahar, u stante li dan gie ffirmat f'Lulju 2012, meta giet intavolata dil-procedura l-kuntratt kien gia' skada;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress li l-kuntratt kellu durata ta' hdax-il xahar ai termini tal-Malta Travel and Tourism Services Act (Kap. 409) u The Protection Consumers in respect of certain aspects of Timeshare, Long-Term Holiday Product, Resale and Exchange Contracts) Regulations, 2011 l-intimati ma kienux intitolati ghal ebda cooling off period jew ghal xi ripensament. Lanqas ma hija applikabbli d-definizzjoni ta' trader ghas-socjeta' intimata;*

*4. Illi ma hux minnu li l-kuntratt gie mgedded wara li skada il-hdax-il xahar, izda r-rikorrenti kellhom 49 xahar free voucher;*

*5. Illi una volta il-kuntratt, legalment, ma jaqax fil-kategorija ta' timeshare, jew long term holiday product, allura ma jezisti ebda dritt ta' ritrat;*

*6. Illi l-fatt illi s'issa s-socjeta' konvenuta nomine ghadha ma nsistietx fuq il-hlas tal-bilanc lilha dovut bl-ebda mod ma jfisser li din irrinunzjat ghalih u/jew li r-rikorrent irtiraw mill-kuntratt;*

*7. Illi l-kuntratt jaghmilha cara li ma jistax jigi kkancellat u li ma fihx cooling off period, u li ma jistghux jinghataw refunds una volta l-kuntratt ikun gie ffirmat. In partikolari l-klawzoli 14,15 u 20 jghidu:*

*Clause 14: "I/We agree that I/We were not coerced or high pressured to enter into any transaction of any kind whatsoever and that this purchase places no undue financial burden on my/out family or myself/ourselves."*

*Clause 15: "I/We understand that the benefits are only activated upon full payment of the membership and is valid for the term period only. Once purchased, the allotment of membership is made immediately and cannot be cancelled for any reason. No refunds can be given once I/We have signed this agreement." and*

*Clause 20: "I/We understand that there is no cooling off period of this product and that this product is in no way connected to the purchase of a Real Estate property, Co Ownership, or any stake in the Company, however it is connected to a Vacation Club membership and can also be bartered towards other products promoted by the Agents for full or part value if mutually agreed."*

3. Permezz ta' decizjoni tal-4 ta' Lulju, 2016, it-Tribunal tal-Arbitragg cahad l-eccezzjonijiet u laqa' t-talba tal-atturi.

4. Il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenza, bl-aggravji jkunu:

   1. Illi l-kumpannija appellanti Platinum Internation (Malta) Limited agixxiet fil-vesti rappresentattiva taghha, u l-kuntratt li ffirmaw l-appellati ma kienx mal-appellanti izda mal-kumpannija CityCorp Properties Limited;

   Illi meta tagixxi fil-vesti rappresentattiva taghha, il-kumpannija Platinum International (Malta) Limited qatt ma setghet tinzamm hi responsabbli, kif gie deciz fil-*lodo*. Illi dan imur kontra dak preskritt fir-regoli tal-agenzija kif preskritti fil-Kodici Kummercjali partikolarment l-artikolu 50 tal-Kodici Kummercjali li jghid:

   50. L-atti kollha maghmulin mir-rapprezentant ghall-principal, fil-limiti tas-setghat tieghu, igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal.

   2. Illi l-kumpannija appellanti ma taqbilx mar-ragunament ta' l-Arbitru li huwa bbazat biss fuq sentimenti u fuq ebda bazi legali;

   Illi huwa inkontrovertibbli li l-kuntratt kellu validita' ta' hdax-il xahar u kwindi wiehed ma jistax imur kontra dak li hemm stipulat fil-kuntratt u jipprova jgib argument li t-terminu tal-kuntratt kien ta' aktar minn tnax-il xahar;

   Illi, peress li l-kuntratt kellu durata ta' hdax-il xahar ai termini tal-*Malta Travel and Tourism Services Act* (Kap. 490) u *The Protection Consumers in respect of certain aspects of Timeshare, Long-Term Holiday Product*, Resale and Exchange Contracts Regulations, 2011, l-intimati ma kienux intitolati ghal ebda cooling off period jew ghal xi ripensament. Lanqas ma hija applikabbli id-definizzjoni ta' *trader* ghall-kumpannija intimata. Illi ma huwiex minnu li l-

kuntratt gie mgedded wara li skada il-hdax-il xahar, izda l-atturi kellhom 49 xahar *free voucher*. Illi l-atturi appellati kienu jafu x'fih il-ftehim, kienu jafu li ma kien hemm ebda *cooling off period* u specifikatament accettaw tali kondizzjoni u kwindi jibqa' jorbot il-principju ta' *pacta sunt servanda* u ma jistax ikollok persuni li llum jiffirmaw kuntratt u wara jerga' jibdielhom;

5. L-atturi ma wiegbux.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

7. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tikkoncerna talba tal-atturi ghar-rifuzjoni tas-somma ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150) li hallsu meta fl-20 ta' Lulju, 2012 iffirmaw kuntratt li bih inghataw id-dritt ghall-akkomodazzjoni f'certi pajjizi barra minn Malta. B'dan il-kuntratt, il-klijent isir membru f'din l-iskema.

8. **L-ewwel aggravju**, tirrigwarda l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti li mhijiex il-legittimu kontradittur. Jirrizulta li l-kuntratt kien iffirmat mill-atturi u kumpannija bl-isem Citycorp Properties Ltd li fil-kuntratt jinghad li ghandha l-indirizz taghha f'Tortola, gzira tal-*British Virgin Islands*. Fil-kuntratt jinghad li din il-kumpannija hi rapprezentata mis-socjeta' appellanti. F'dan ir-rigward hu rilevanti jekk il-kuntratt iffirmat fl-20 ta' Lulju, 2012 jikkwalifikax bhala *"kuntratt ta' btala ghal perjodu fit-tul"*, li skont regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.02:-

   *".......tfisser kuntratt ta' tul ta' aktar minn sena li* ***bih il-konsumatur primarjament jikkunsidra jakkwista id-dritt li jikseb skontijiet jew beneficcji oħrajn fir-rigward ta' akkomodazzjoni,*** *separatament jew flimkien ma' prodotti tal-ivvjaggar jew servizzi oħra. Fil-kalkolu tat-tul ta' kuntratt ta' btala għal perjodu fit-tul għandu jittieħed kont ta' kull disposizzjoni fil-kuntratt li tippermetti tigdid tacitu jew titwil"*

9. Hu minnu li:

   i. klawzola 1 tal-kuntratt tipprovdi, *"I/We understand that Full Membership is for a specified period of* ***11 months****"*.
   ii. F'dokument li ffirmaw il-partijiet (*Privileged Membership Agreement*), jinghad li l-*Membership Activation Date* hi 20 ta' Lulju, 2012 filwaqt li l-*Membership Expiry date* hi 20 ta' Gunju, 2013.

10. Madankollu hu minnu wkoll li l-atturi nghataw *Gift Voucher* valida ghal 49 xahar li tkopri l-perjodu bejn **il-21 ta' Gunju 2013 u l-20 ta' Lulju, 2017**. Permezz taghha l-atturi nghataw dritt ta' akkomodazzjoni ghal sebat iljieli, *"in the Club's Affiliated resorts, subject to a User fee payment of €510 for 4 persons (including children). Requests should be placed a maximum of 11*

*months, and a minimum of 2 months prior to departure"*. *Voucher* li l-qorti fehmet li kien parti ntegrali mill-pakkett li nghataw l-atturi. Ghaldaqstant, id-dritt tal-atturi li jgawdu skontijiet fir-rigward ta' akkomodazzjoni ma kienx limitat biss ghall-perjodu ta' 11 il-xahar, izda ghall-perjodu ta' iktar minn tnax-il xahar. Dan dejjem bl-istess rata ta' hlas, cjoe' €510 ghall-erba' min-nies. Cirkostanza li fiha nnifisha xxejjen it-tezi tal-appellanti li dan kien rigal. Sahansitra, kif sewwa qal it-Tribunal:-

*"…. Klawzola 7 tal-istess skrittura, fejn hemm stipulat illi "…. During the Valid period of our Membership, we can make use of **up to 11 weeks <u>yearly</u>** as Last Minute Rentals…", liema klawzola taghti x'tifhem illi l-ftehim, jew ahjar membership huwa ghal perjodu ta' disgha u erbghin (49) xahar, u mhux limitatament ghal hdax (11) il-xahar, ghaliex altrimenti ma kienx ikun hemm il-htiega li ssir riferenza ghal diversi gimghat fuq medda ta' sena"*.

11. Ghaldaqstant, it-Tribunal tal-Arbitragg kien gustifikat jikkonkludi li l-ftehim kien jikkwalifika bhala *"kuntratt ta' btala ghal perjodu fit-tul"* kif definit f'regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.02 [Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur (Kuntratti ta' *Timeshare*, Kuntratti dwar Prodotti ta' Btala ghall-Perjodu fit-Tul, Kuntratti ta' Bejgh Mill-Gdid u Kuntratti ta' Skambju)]. Hu veru li fil-kuntratt jinghad, *"I/We understand that there is no cooling off period ….."*. Madankollu, peress li t-Tribunal tal-Arbitragg korrettement ikkonkluda li fir-realta' l-kuntratt kien ta' btala ghal perjodu fit-tul, ghamel sew li skarta dik id-dikjarazzjoni fil-kuntratt. Gialadarba, t-Tribunal ikkonkluda li l-kuntratt kien kuntratt ta' btala ghal perjodu fit-tul u ghaldaqstant regolat mill-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, l-atturi ghandhom id-dritt jirtiraw mill-kuntratt (ara regolament 8). Dan irrispettivament minn dak li jipprovdi l-kuntratt.

12. Skont regolament 3 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja:

*"kummercjant" tfisser persuna guridika li tkun qiegħda tagixxi għal skopijiet konnessi ma' kummerc, negozju, sengħa jew professjoni tagħha **u kull minn jagixxi f'isem jew għan-nom ta' kummercjant**"*

Ghaldaqstant, is-socjeta' appellanti hi stess kummercjant. Inoltre, mill-provi rrizulta li l-pagament ta' €1,150 sar lis-socjeta' appellanti. F'dan ir-rigward, hemm dokumenti li fihom jinghad li:

i. *Bank transfers* ghandhom isiru lil Platinum International (Malta) Limited, bid-dettalji tal-kont bankarju taghha;
ii. *"All payments should be made in favour of Platinum International (Malta) Ltd"*.

Fil-kuntratt ma jinghadx li s-socjeta' appellanti rceviet il-hlas ta' €1,150 ghan-nom ta' Citycorp Properties Ltd. Fic-cirkostanzi l-artikolu 50 tal-Kodici tal-Kummerc, li ghalih saret riferenza mill-appellanti, ma jistax iservi ta' beneficcju fid-difiza taghha.

13. Ghaldaqstant, is-socjeta' appellanti hi l-legittimu kontradittur u l-ewwel aggravju hu michud.

14. **Bit-tieni aggravju**, l-appellanti ssostni li l-kuntratt ma kienx *long term holiday contract* skont regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.02. F'dan ir-rigward il-qorti m'ghandiex x'izzid ma' dak li qalet fir-rigward tal-ewwel aggravju. Ghaldaqstant, ghall-istess ragunijiet tichad dan l-aggravju wkoll.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti**.

Anthony Ellul.